

ECHA/PR/12/03

L-ECHA Tippubblika r-Rapport ta' Evalwazzjoni għall-2011

Is-sejba ewlenija tar-rapport hija li parti kbira mid-dossiers ta' reġistrazzjoni eżaminati jqajmu tħassib ta' konformità jew kwalità f'livelli differenti u jirrikjedu li l-ECHA tindirizza n-nuqqasijiet permezz ta' azzjoni regolatorja. Għalhekk, l-ECHA tteġġeg bil-qawwa lir-reġistranti biex jaġġornaw id-dossiers tagħhom b'mod proattiv, billi jieħdu f'kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport.

Helsinki, 27 ta' Frar 2012 – Ir-rapport ta' Evalwazzjoni jippreżenta d-dettalji u ċ-ċifri dwar l-attivitajiet ta' evalwazzjoni tad-dossier ta' REACH tal-ECHA u r-risultati rispettivi tagħhom. FI-2011, l-ECHA ħarġet 187 abbozz ta' deċiżjoni jew deċiżjonijiet finali dwar il-proposti ta' ttestjar. FI-2011, l-ECHA adottat 22 deċiżjoni finali dwar il-proposti ta' ttestjar, u għalqet l-eżaminazzjoni ta' 58 każ li jew ma kinux ammissibbli jew inkella kienu rtirati mir-reġistrant. Numru sinjifikanti mill-proposti ma setgħux jiġu eżaminati jew konklużi kif suppost minħabba problemi ta' identità tas-sustanza.

FI-2011, l-ECHA wettqet 146 kontroll tal-konformità. Minn fost il-146 dossier kompluti, 134 wasslu lill-ECHA biex titlob lir-reġistrant biex jipprovdi aktar informazzjoni. Għaxra mill-każijiet kienu diġà ngħalqu wara li r-reġistrant aġġorna d-dossier tiegħu bl-informazzjoni mitluba, u fi tnax-il każ ma kienet meħtieġa l-ebda azzjoni.

Minħabba l-proporzjon għoli ta' kontrolli tal-konformità fejn kien hemm bżonn li tittieħed azzjoni, ir-rapport jikkonkludi li filwaqt li r-reġistranti għamlu ħilithom biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tar-rekwiżiti tal-informazzjoni skont REACH, f'ħafna każijiet ikun hemm bżonn ta' aktar titjib mir-reġistranti, biex b'hekk tingħata l-perċezzjoni ta' kwalità insinjifikanti tar-reġistrazzjonijiet b'mod ġenerali.

"Huwa essenzjali li dan ir-rapport jinqara mir-reġistranti li qegħdin iħejju għall-iskadenza ta' REACH tal-2013 u għandu jkun sejħa għall-azzjoni għal dawg il-kumpaniji li diġà rreġistraw", jgħid id-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA Geert Dancet fid-daħla tar-rapport.

Ir-rapport jelenka l-aktar nuqqasijiet komuni li hemm fid-dossiers u jagħti rakkomandazzjonijiet speċifiċi għar-reġistranti, li l-aktar importanti fosthom huma:

- **L-Identità tas-Sustanza:** Ir-reġistranti huma mħeġġa jidentifikaw is-sustanzi tagħhom b'mod preċiż. L-identità u l-kompożizzjoni speċifikati fir-reġistrazzjoni għandhom jiġu appoġġjati minn informazzjoni analitika xierqa dwar is-sustanza kif immanifatturata. Identità ambigwa tas-sustanza mhux biss tista' tagħti sinjal li d-dossier fih aktar minn sustanza waħda, iżda tista' timmina wkoll il-pertinenza tal-informazzjoni dwar il-periklu u konsegwentement l-informazzjoni dwar l-użu mingħajr periklu tas-sustanza/i.

- Il-proposti ta' ttestjar u l-valutazzjoni tal-periklu: L-approċċi ta' read across jirrikjedu li l-ħtiġijiet tal-informazzjoni jkunu koperti kif ikunu b'test standard fuq is-sustanza. Bħala tali, l-approċċi ta' read across għandhom ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika u din l-evidenza verifikabbli għandha tiġi pprovduta fid-dossier tar-reġistrazzjoni.
- Rapport dwar is-Sigurtà Kimika (CSR): Ġew osservati nuqqasijiet fil-partijiet kollha tas-CSRs. Jekk is-CSR ikollu informazzjoni nieqsa dwar il-perikli, l-użijiet jew l-espożizzjonijiet potenzjali, ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod adegwat u jispiċċaw jiġu rakkomandati miżuri inadegwati ta' ġestjoni tar-riskji. F'każijiet bħal dawn, ma jkunx jista' jintlaħaq l-għan aħħari ta' REACH, jiġifieri l-użu mingħajr periklu tas-sustanzi kimiċi. Għalhekk, il-kumpaniji huma mħeġġa biex itejbu u jaġġornaw is-CSRs u biex jiżguraw komunikazzjoni xierqa lill-klijenti dwar kif jużaw is-sustanzi mingħajr periklu.

Ir-rapport fih rakkomandazzjonijiet lir-reġistranti fir-rigward tar-rilevanza ta' testijiet partikolari, il-materjal tat-test għas-sustanza speċifika, l-identità tas-sustanza u l-ittestjar tat-tossiċità riproduttiva. Hemm ukoll suġġerimenti sabiex jiġu evitati n-nuqqasijiet fil-valutazzjoni tas-sigurtà kimika, fil-valutazzjoni tal-perikli, fil-valutazzjoni tal-PBT, fil-valutazzjoni tal-espożizzjoni u l-ambitu tagħha, il-karatterizzazzjoni tar-riskji u l-klassifikazzjoni u t-tikkettar.

Aktar informazzjoni

Skont l-Artikolu 54 tar-Regolament REACH, l-ECHA tippubblika rapport dwar l-evalwazzjoni sal-aħħar ta' Frar ta' kull sena.

- Evalwazzjoni skont ir-Rapport ta' Progress ta' REACH għall-2011: http://echa.europa.eu/documents/10162/17221/evaluation_report_en.pdf
- Sommarju tar-rapport: http://echa.europa.eu/documents/10162/17221/evaluation_report_summary_en.pdf
- Paġni elettroniċi ta' evalwazzjoni: <http://echa.europa.eu/regulations/reach/evaluation>
- Eżaminazzjoni tal-proposti ta' ttestjar: <http://echa.europa.eu/regulations/reach/evaluation/examination-of-testing-proposals>